# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 276/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Melvin Camilleri)

vs

**Grazio Bondin**

iben John , imwieled Zejtun, fis-16 ta' April, 1943, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 407543(M)

u

**Brian Bondin**

iben Grazio , imwieled Pieta', fis-16 ta' April, 1979, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 203979(M)

u

**Alfred J. Tabone**

iben Joseph Mary , imwieled Zejtun, fis-17 ta' Dicembru, 1938, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 858938(M)

Illum, 4 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati kollha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-8 ta' Ottubru 2008, u fix-xhur ta' qabel, gewwa l-fond Kazin ta' Santa Katerina, z-Zejtun, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. Fil-fond Kazin ta' Santa Katerina, Zejtun, liema fond ma huwiex licenzjat taht l-ebda ligi dwar il-Loghob, hadu sehem f'xi loghob ta' sogru li jintlaghab ghall-flus jew valur ta' flus, jew ippermettew l-uzu tal-post, jew inkoraggew dak il-loghob, jew ghalkemm ma kienux qeghdin jiehdu sehem f'xi loghoba llegali, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik, jew li kienu prezenti filwaqt li kienet qeghdha ssir xi loghba bhal dik;

2. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi fethu u haddrnu Casino u cioe' mill-fond Kazin ta' Santa Katerina, Zejtun, minghajr licenzja mahruga mill-awtoritajiet kompetenti;

3. Fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, operaw ippromovew, bieghu jew ippartecipaw fl-isemmi fond, fil-kazin ta' Santa Katerina, Zejtun, jew b'xi mod ghenu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob fuq ir-rizultati ta' xi loghob li kien legittimament organizzat barra minn Malta u dan minghajr l-approvazzjoni bil-quddiem u bil-miktub ta' l-Awtorita kkoncernata:

4. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi ghamlu jew ippruvaw jaghmlu jew b'xi mod kellhom x'jaqsmu ma' l-ghemil ta' xi mhatra maghduda li ghandha x'taqsam ma' xi loghba, sport, jew grajja f' Malta jew x'imkien iehor, jew li kienu prezenti fil-post fejn kienet issir x'imhatra bhal dik;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-konfiska tal-oggetti u l-flejjes kollha esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-akkuzi, lliberat lil Grazio Bondin, Brian Bondin u lil Alfred J. Tabone fuq nuqqas ta' provi prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fl-14 ta’ Gunju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, tipprocedi u tiddisponi minn dan il-kaz skont il-Ligi u fl-ahjar interess tal-Gustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghaddiet ghal-liberatorja meta naqset li tosserva formalita' sostanzjali procedurali.

Illi l-kaz odjern jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Is-smiegh ta' din il-kawza beda jinstema' fl-24 ta' Jannar 2013, u ghalkemm il-verbal (a fol. 8) jongos milli jghid illi l-Ispettur Melvyn Camilleri xehed, kif fil-fatt l-Ispettur jirritjeni li ghamel, fil-verbal insibu miktub illi l-istess Spettur esebixxa Dok GB., Dok BB., u Dok AT, liema dokumenti jikkonsistu fil-fedina penali, l-istqarrija, s-Sanzjoni tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 74(2) tal-Att Dwar Lotteriji u Loghob Iehor u dokument ghall-fini tal-identifikazzjoni fir-rigward tat-tliet akkuzati.

Illi l-kaz gie differit ghall-kontinwazzjoni ghat-23 ta' Mejju 2013. Il-prosekuzzjoni mmexxija mill-Ispettur Melvyn Camilleri u mill-Ispettur Raymond Aquilina, riedu li l-Ispettur Raymond Aquilina jixhed dwar l-investigazzjoni quddiem il-Qorti msemmija, xtagu jtellghu jixhdu lill-

Ufficjali tal-Pulizija li kienu xiehda tal-istqarrijiet u li kienu marru fuq il-post meta saret l-imsemmija raid, ridu li jixhdu tal-Forensika sabiex jesebixxu r-ritratti u l-oggetti elevati in sostenn  tal-akkuzi migjuba kontra l-appellati. Harsa hafifa lejn it-tarf tat-tieni pagna tac-charge sheet (fol, 2), turi kif il-Prosekuzzjoni fil-fatt kellha numru ta' xhieda xi tressaq biex jinstemghu quddiem il-Qorti msemmija, u mill-atti processwali ma' jirrizultax li l-Prosekuzzjoni qatt irrinunzjat ghalihom.

Illi ghalkemm dak inhar tas-seduta, u cioe' nhar it-23 ta' Mejju 2013, il-kawza kienet appuntata biex tinstema' f'nofs inhar, il-Magistrat sedenti, sejjah il-kawza fil-hdax, L-Ufficjal Prosekutur Melvyn Camilleri kien fil-bini tal-Qorti f'awla ohra jipprosekwixxi f'kawza separata. Spettur li ma kellu xejn x'jaqsam mal-kaz u li nzerta kien prezenti fl-awla tal-Magistrat Dr. Micallef Trigona LL.D., cempel lill-Ispettur Melvyn Camilleri sabiex jgharrfu li kien qieghed jigi mghajjat,  pero' minghajr ma stenniet, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, di sua sponte ddecidiet li tillibera lill-imputat minghajr ma tat cans lil Prosekuzzjoni tressaq il-provi taghha.

Illi fil-verbal a fol. 33 tal-atti processwali, hemm ivverbalizzat li l-unika prova li resqet il-Prosekuzzjoni kienet l-istqarrija "li f'kull kaz mhux ammissibli".  Tajjeb hawn wiehed ifakkar li, ricentament kien hemm zvillupi sinifikattivi fil-qasam Kosituzzjonali fejn jirrigwardja l-istqarrijiet, u l-Qorti tal-Magistrati bir-rispett kollu kellha tqis l-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali Charles Steven Muscat v Avukat Generali  deciza mill-Qorti Kostituzzjonali (per Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon) fit-8 ta' Ottubru 2012, qabel ma ddikjarat l-istqarrijiet inammissibli u lliberat lill-akkuzati appellati. Il-Qorti Kostituzzjonali analizzat fil-fond diversi sentenzi fosthom dik ta' Salduz vs Turkey li nghatat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Novembru tas-sena 2008 u liema sentenza kienet tifforma l-bazi ta' bosta referenzi u s-sentenzi li nghataw gabel dik ta' Charles Steven Muscat. Skont il-Qorti Kostituzzjonali l-jedd tal-assistenza legali m'huwiex rekwizit ai fini tas-smiegh xieraq, apparti l-fatt li wiehed irid iqis l-assjem tal-provi kif ukoll ic-cirkostanzi personali tal-akkuzati qabel jiddeciedi jekk tali nuqqas setax jilledi fuq id-drittijiet fundamentali taghhom. B'hekk il-fatt wahdu li persuna ma tkunx inghatat assistenza legali, kif jirrizulta fil-kaz odjern, meta ma kienx jinkombi fuq il-Pulizija li jaghtu dan il-jedd fiz-

zrnien in kwistjoni, ma jwassalx awtomatikament ghal ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq, u ma jrendiex ghalhekk, tali stqarrijiet "inammissibli" kif il-Qorti tal-Magistrati fil-vesti taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, irriteniet.

Illi fl-istess verbal a fol. 33 tal-atti processwali, hemm ivverbalizzat li l-unika prova li resqet il-Prosekuzzjoni kienet l-istqarrija. Bir-rispett kollu, l-Prosekuturi, fl-ebda hin ma tennew li ghalqu l-provi u prova ta' dan huwa propju l-fatt li huma lanqas biss kienu ghandhom waslu fl-awla meta l-kawza giet mghajjta biex tinstema' siegha qabel l-appuntament.

Illi ghalkemm il-kaz odjern instema' ma' dawk il-kawzi hekk imsejha sommarji, il-ligi ma tiddisponiex li tali kawzi ghandhom jinstemghu u jinqatghu f'seduta wahda, u dan qed jinghad b'riferenza ghal artikolu 377(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi "meta jinghalaq is-smigh tal-kawza. dak in-nhar stess, jekk jista' jkun taghti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputati".  Dan l-artikolu ma jimponix b'mod tassativ li kawzi sommarji ghandhom jinstemghu u jinqatghu f'seduta wahda ghalkemm jindika d-desiderabbilita' li tali kawzi ma jittawlux ghalxejn. Id-dover legali huwa mpost fuq il-Qorti fir-rigward tal-ghoti tas-sentenza, u dan mhux b'mod stringenti (jekk jista jkun). Il-Qorti hija nkoraggiata biex taghti sentenza f'kawza sommarja dak inhar li jinghalqu l-provi, pero' dan ghandu jsir biss jekk possibbli da parti tal-Qorti. [irrizulta mid-dicitura ta' din id-disposizzjoni, illi dan l-obbligu jiskatta biss meta' l-provi iinghalqu.Nonostante tali disposizzjoni fil-ligi, il-Qorti tal-Magistrati fil-kaz odjern, illiberat tmien akkuzati mall-ewwel seduta, u ordnat differiment fil-konfront tat-tliet akkuzati assenti, qabel biss ma nghalqu I-provi u qabel biss mall-Prosekuturi talbu s-separazzjoni tal-gudizzju, meta il-Qorti setghet facilment tordna differiment fil-konfront tal-akkuzati kollha in ottemporanza mal-Ligi Procedurali u mall-gurisprudenza in materia.

Illi l-gurisprudenza nostrana hija ghal kollox kuntrarja ghal-prattici ghaggilien a skapitu tal-korrettezza procedurali, u tikkristalizza l-procedura li ghandha tigi segwita. Fis-sentenza tal-Appell Kriminali 'Il-Pulizija vs. Sandro Caruana, Jason Zerafa u Michael Alain Spiteri' tal-21 ta' Gunju 2007, deciza mill-Onor Imhallef Emeritus Dr. J. Galea Debono LL.D., gie ritenut:

*'l-Ewwel Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra u mhux taghmel kif ghamlet u tghaddi biex taghti s-sentenza minghajr ma tisma' x-xhud ewlieni u certament indispensabbli tal-prosekuzzjoni'.*

Illi fil-kaz odjern, ma thallha jinstema ebda xhud tal-prosekuzzjoni u dana b'disrispett assolut tar-regoli procedurali, Il-principju procedurali li kawza ghandha tkun differita sabiex jinstemghu xhieda indispensabbli, huwa tant assodat, illi fil-kaz 'Il-Pulizija vs. James Galea', Appell Kriminali Nru. 290/2008, datata 22 ta' April, 2009, l-Onor Imhallef Dr. David Scicluna LL.D. jaghmel referenza ghas-sentenza 'll-Pulizija vs. Mark Heraghty' tat-28 ta' Settembru, 2006, liema sentenza tirreferi ghal sensiela ta' sentenzi li jsostnu l-importanza ta' tali procedura, fosthom: 'Il-Pulizija vs. Clive Debono' tal-14 ta' Settembru, 2004, 'll-Pulizija vs. Anne Montfort' tat-30 ta' Settembru, tal-2004, 'Il-Pulizija vs. Kevin Debono', tal-1 ta' Gunju, 2006, 'Il-Pulizija vs. Mario Saliba' tal-15 ta' Ottubru, 1982, 'll-Pulizija vs. Mario Magri' tat-28 ta' Mejju, 1993, 'Il-Pulizija vs. Francis Callus' tat-30 ta' Settembru, 1993, 'Il-Pulizija vs Anthony Zarb' tat-22 ta' Ottubru, 1993, 'Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et tat-3 ta' Dicernbru, 1993 u 'Il- Pulizija vs. Francis Borg' tal-10 ta' Dicembru, 1993.

Illi fis-sentenza 'Il-Pulizija vs. James Galea', Appell Kriminali Nru. 290/2008, datata 22 ta' April, 2009, l-Onor Imhallef Dr David Scicluna LL.D. tenna Qorti ta' Gudikatura Kriminali difettuz u ghaldaqstant annullabbli: li tali inosservanza procedurali tirrendi l-gudizzju tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali difettuz u ghaldaqstant annullabbli:

*Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li sar kien jammonta ghal nuqqas ta' formalita sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 u li jinkwadra pjenament taht l-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kap. 9. li propju jaghti d-dritt ta' appell lill-Avukat Generali fkazijiet analogi.*

*Bhalma ntqal diversi drabi minn din il-qorti, kif presjeduta u anke diversament presjeduta, hija tifhem u tapprezza s-sens ta' frustrazzjoni li jista' jkollha l-ewwel Qorti meta tara li minhabba l-assenza ia' xi partijiet, xhieda, avukati jew prosekuturi,ma tkunx tista' twettaq*

*il-programm ta' xoghol li jkollha ffissat fis-seduta li tkun qed tippresjedi. Izda, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata'.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellati gew akkuzati b'reati sehhew fit-8 ta' Ottubru, 2008.

Illi c-citazzjoni li giet notifikata lill-appellati ggib id-data tat-22 ta' Settembru, 2010.

Illi l-ewwel seduta kellha tinzamm fit-8 ta' Frar, 2011. F'dik is-seduta ma kien deher hadd, kif jirrizulta mill-atti tal-kawza. L-ewwel seduta utli nzammet fl-24 ta' Jannar, 2013 fejn l-unika haga li giet verbalizzat kienet li l-prosekuzzjoni ezebit diversi dokumenti dwar kull imputat, appellat. Fost dawn id-dokumenti l-prosekuzzjoni ezebiet l-istqarrija ta' kull wiehed mill-appellanti.

Illi fit-23 ta' Mejju, 2013 jirrizulta li l-Qorti stenniet lill-prosekuzzjoni sa oltre n-nofs in-nhar, skont kif jirrizulta mill-atti tal-kawza. Illi l-Avukat Generali hu skorrett meta ighid li l-kawza giet imsejha fil-11.00 a.m. Mill-atti processwali jirrizulta mod iehor u l-Avukat Generali ma offra ebda prova tal-asserzjoni tieghu lil din il-Qorti. Ghalhekk, f'ghajnejn l-ewwel Qorti, kif ukoll f'ghajnejn din il-Qorti, il-prosekuzzjoni ma kellha ebda interess fil-kawza li kienet ilha mibdija sa mis-sena 2010. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kienet indulgenti hafna mal-prosekuzzjoni li hu car li kienet qed taghmel minn kollox biex din il-kawza ma tlhaqx l-eghluq taghha. Din hi tip ta' kawza sommarja li f'seduta jistghu komodament jingabu l-provi kollha.

Haga li ma saritx.  Hawnhekk, il-prosekuzzjoni naqset li tkun prezenti, kif intqal.  Ghalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistax jigi milqugh.

Illi l-ewwel Qorti ddikjarat li l-istqarrijiet ta' l-appellati mhux ammissibli.  L-Aukat Generali hu tal-fehma opposta.  Hawnhekk, ftit hemm xi tghid ghaliex bis-sahha tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: "The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor" deciza fl-1 ta' Dicembru, 2016, il-pozizzjoni hi cara u tali stqarrijiet li ttiehdu minghajr l-ghajnuna legali huma namissibbli.  Ghalhekk, dan l-aggravju ta' l-Avukat Generali hu michud.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.